2026/1196

11.6.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1196

tal-5 ta' Ġunju 2026

li jistabbilixxi lista ta' indikaturi komuni dwar il-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza maħtura skont id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499 tas-7 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li temenda d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2024/1499 tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza. Dawn ir-rekwiżiti huma maħsuba biex itejbu l-effettività tal-korpi u jiggarantixxu l-indipendenza tagħhom sabiex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali kif derivat mid-Direttivi tal-Kunsill 79/7/KEE ([2]), 2000/43/KE ([3]), 2000/78/KE ([4]) u 2004/113/KE ([5]).

(2) Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' indikaturi komuni dwar il-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza. Dan għandu jipprovdi ċarezza dwar liema *data* għandha tinġabar fil-livell nazzjonali mill-korpi tal-ugwaljanza u sussegwentement tintbagħat mill-Istati Membri lill-Kummissjoni bħala l-bażi għar-rapport tagħha skont l-Artikolu 18(3) tad-Direttiva (UE) 2024/1499. L-indikaturi jikkonċernaw ir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji, il-funzjonament indipendenti, l-aċċessibbiltà u l-effettività tal-korpi tal-ugwaljanza, kif ukoll l-iżviluppi fil-mandat, is-setgħat jew l-istruttura tagħhom.

(3) Huwa importanti li l-indikaturi komuni jkunu preċiżi u dettaljati kemm jista' jkun. Dan biex jiġu żgurati l-komparabbiltà, l-oġġettività u l-affidabbiltà tad-*data* miġbura fil-livell nazzjonali madwar l-Unjoni. Sabiex jiġi ffaċilitat il-ġbir u t-trażmissjoni tad-*data* skont l-indikaturi stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri u l-korpi tal-ugwaljanza tagħhom jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw għodda tal-IT faċli għall-utent ipprovduta mill-Kummissjoni li tirrifletti l-indikaturi stabbiliti f'dan ir-Regolament f'kampijiet tad-dħul tad-*data* fil-bażi tad-*data*.

(4) Il-lista ta' indikaturi tfasslet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti dwar l-Implimentazzjoni tal-Liġi tal-UE dwar l-Ugwaljanza, u wara konsultazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u n-Network Ewropew għall-Korpi tal-Ugwaljanza.

(5) L-indikaturi jenħtieġ li jkopru l-funzjonament operazzjonali tal-korpi tal-ugwaljanza matul il-perjodu tar-rapportar u r-rispons mill-korpi tal-ugwaljanza dwar il-funzjonament tagħhom f'konformità mal-istandards. L-indikaturi huma kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi, sabiex jiġu indirizzati l-elementi kollha elenkati fl-Artikolu 18 tad-Direttiva (UE) 2024/1499. Jenħtieġ li tinġabar *data* dwar l-istruttura nazzjonali u l-funzjonament organizzazzjonali tal-korpi tal-ugwaljanza f'kull Stat Membru. Dan se jippermetti l-immappjar ta' kull sistema nazzjonali u l-għażla ta' mistoqsijiet rilevanti għal kull struttura.

([1]) ĠU L, 2024/1499, 29.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1499/oj.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali (ĠU L 6, 10.1.1979, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1979/7/oj).
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità (ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2000/43/oj).
([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2000/78/oj).
([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi (ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2004/113/oj).

(6) L-istess lista ta' indikaturi komuni dwar il-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza fir-rigward tal-kwistjonijiet koperti mid-Direttiva (UE) 2024/1500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) hija prevista fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1197 ([7]).

(7) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) u ta opinjoni fil-21 ta' Novembru 2025.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-indikaturi dwar il-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza, stabbilit f'konformità mal-Artikolu 22(1) tad-Direttiva (UE) 2024/1499,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Lista ta' indikaturi

Il-lista ta' indikaturi komuni dwar il-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza maħtura skont id-Direttiva (UE) 2024/1499, li abbażi tagħhom jitwettqu l-ġbir tad-*data* u r-rapportar dwar il-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza, hija stabbilita fl-Anness.

Id-*data* miġbura abbażi tal-indikaturi komuni ma għandha tinkludi l-ebda *data* personali, kif definit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Ġunju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([6]) Id-Direttiva (UE) 2024/1500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol, u li temenda d-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE (ĠU L, 2024/1500, 29.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1500/oj).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1197 tal-5 ta' Ġunju 2026 li jistabbilixxi lista ta' indikaturi komuni dwar il-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza maħtura skont id-Direttiva (UE) 2024/1500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2026/1197, 11.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1197/oj).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

ANNESS

Lista ta' indikaturi dwar il-funzjonament tal-korpi tal-ugwaljanza

WERREJ

Paġna

INTRODUZZJONI U SPJEGAZZJONI 5

1. L-ISTRUTTURA NAZZJONALI U L-FUNZJONAMENT ORGANIZZAZZJONALI TAL-KORPI TAL-UGWALJANZA FL-ISTAT MEMBRU 6

"Struttura u mandat" (S)

1. (S1) Struttura u mandat tal-korpi maħtura biex jissodisfaw l-istandards tad-Direttiva (UE) 2024/1499 fl-Istat Membru 6

"Funzjonament indipendenti" (IF, Independent functioning)

2. (IF1) Funzjonament indipendenti ta' kull korp tal-ugwaljanza f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2024/1499 8

"Riżorsi" (R)

3. (R1) Mekkaniżmi li jiżguraw l-adegwatezza u l-istabbiltà tar-riżorsi ta' kull korp tal-ugwaljanza u għall-aġġustament tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2024/1499 13

"Setgħat" (P, Powers)

4. (P1) Setgħat miżmuma minn kull korp tal-ugwaljanza/kompetenti f'konformità mal-Artikoli 6, 7, 8, 9, 10 u 15 tad-Direttiva (UE) 2024/1499 14

2. FUNZJONAMENT OPERAZZJONALI TAL-KORPI TAL-UGWALJANZA MATUL IL-PERJODU TAR-RAPPORTAR 21

"Riżorsi" (R)

5. (R2) Baġit annwali ta' kull korp tal-ugwaljanza 21

6. (R3) Għadd totali ta' impjegati ta' kull korp tal-ugwaljanza fis-sena 22

"Effettività" (E)

7. (E1) Miżuri adottati mill-Istat Membru jew mill-korpi tal-ugwaljanza biex titqajjem sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet skont id-Direttivi 79/7/KEE, 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2004/113/KE u dwar l-eżistenza ta' korpi tal-ugwaljanza u s-servizzi tagħhom 23

8. (E2) Attivitajiet imwettqa minn kull korp tal-ugwaljanza biex tiġi evitata d-diskriminazzjoni u jiġi promoss it-trattament ugwali għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt id-Direttiva (UE) 2024/1499 24

9. (E3) Ilmenti ttrattati minn kull korp tal-ugwaljanza fis-sena 25

10. (E4) Użu ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim minn kull korp tal-ugwaljanza/kompetenti fis-sena 27

11. (E5) Użu ta' inkjesti minn kull korp tal-ugwaljanza/kompetenti fis-sena 28

12. (E6) Deċiżjonijiet/opinjonijiet maħruġa minn kull korp tal-ugwaljanza kull sena 29

13. (E7) Kamp ta' applikazzjoni u kontenut tad-deċiżjonijiet/tal-opinjonijiet maħruġa minn kull korp tal-ugwaljanza 30

14. (E8) Infurzar/segwitu tad-deċiżjonijiet/tal-opinjonijiet maħruġa minn kull korp tal-ugwaljanza 30

15. (E9) Kawżi tal-Qorti għal kull korp tal-ugwaljanza matul il-perjodu tar-rapportar 31

16. (E10) Deċiżjonijiet tal-korp tal-ugwaljanza ppreżentati għal stħarriġ ġudizzjarju 33

17. (E11) Stħarriġ indipendenti u riċerka dwar id-diskriminazzjoni mwettqa jew ikkummissjonati mill-korp tal-ugwaljanza 34

18. (E12) Rapporti u ppjanar strateġiku minn kull korp tal-ugwaljanza 35

"Aċċessibbiltà" (A)

19. (A1) Aċċessibbiltà tal-bini, tas-servizzi u tal-attivitajiet ta' kull korp tal-ugwaljanza għall-persuni b'diżabbiltà 36

20. (A2) Aċċess għas-servizzi u l-attivitajiet ta' kull korp tal-ugwaljanza fuq bażi ugwali għal kulħadd 38

3. FEEDBACK MILL-KORPI TAL-UGWALJANZA DWAR IL-FUNZJONAMENT TAGĦHOM F'KONFORMITÀ MAL-ISTANDARDS 39

"Funzjonament indipendenti" (IF)

21. (IF2) Funzjonament indipendenti ta' kull korp tal-ugwaljanza — il-kontribut tal-korp tal-ugwaljanza ... 39

"Riżorsi" (R)

22. (R4) Adegwatezza tar-riżorsi f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2024/1499 għal kull korp tal-ugwaljanza biex iwettaq il-kompiti kollha tiegħu u jeżerċita l-kompetenzi kollha tiegħu b'mod effettiv — il-kontribut tal-korp tal-ugwaljanza 40

"Effettività" (E)

23. (E13) Aċċess effettiv għall-informazzjoni u għad-dokumenti li huma meħtieġa biex jiġi stabbilit jekk saritx diskriminazzjoni — il-kontribut tal-korp tal-ugwaljanza 42

24. (E14) Konsultazzjoni ma' kull korp tal-ugwaljanza u segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu mill-gvern u mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti — il-kontribut tal-korp tal-ugwaljanza 43

INTRODUZZJONI U SPJEGAZZJONIJIET

Kull indikatur jikkonsisti f'titolu u f'tabella għall-ġbir ta' data biex jiġi żgurat ġbir ta' data komparabbli, oġġettiv u affidabbli madwar l-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tipprovdi sistema ta' informazzjoni online faċli għall-utent abbażi ta' dan l-anness. Din se tippermetti għażla mmirata tal-mistoqsijiet rilevanti għar-rispondent u tagħti kjarifiki u spjegazzjonijiet kif meħtieġ. L-oqsma li bħalissa huma mmarkati b'* se jidhru biss fejn rilevanti għall-istruttura nazzjonali jew se jippermettu lir-rispondenti jagħżlu bejn tweġibiet predefiniti jew test liberu.

(1) Struttura tal-lista, frekwenza tal-ġbir ta' data u entitajiet li jirrapportaw

L-indikaturi fil-parti 1, STRUTTURA NAZZJONALI U FUNZJONAMENT ORGANIZZAZZJONALI TAL-KORPI TAL-UGWALJANZA FL-ISTAT MEMBRU, ikopru l-istruttura u l-mandat, il-funzjonament indipendenti, ir-riżorsi u s-setgħat tal-korpi tal-ugwaljanza u jservu biex jistabbilixxu linja bażi għall-istruttura nazzjonali tal-korpi tal-ugwaljanza. L-Istati Membri għandhom jipprovdu din id-data sad-19 ta' Ġunju 2031, kif stabbilit fl-Artikolu 18 tad-Direttiva (UE) 2024/1499. L-aġġornamenti għal din id-data matul eżerċizzji ta' rapportar sussegwenti se jkunu meħtieġa biss jekk ikun hemm bidliet fl-istruttura nazzjonali u fil-funzjonament organizzazzjonali tal-korpi tal-ugwaljanza.

L-indikaturi fil-parti 2, FUNZJONAMENT OPERAZZJONALI TAL-KORPI TAL-UGWALJANZA MATUL IL-PERJODU TAR-RAPPORTAR, ikopru r-riżorsi, l-effettività u l-aċċessibbiltà tal-korpi tal-ugwaljanza. L-Istati Membri għandhom jipprovdu din id-data sad-19 ta' Ġunju 2031 u kull 5 snin wara dan, kif stabbilit fl-Artikolu 18 tad-Direttiva (UE) 2024/1499, abbażi tad-data miġbura mill-korpi tal-ugwaljanza għall-istatistika u r-rapporti nazzjonali tagħhom, f'konformità mal-Artikoli 16(1) u 17, il-punti (b) u (c) tad-Direttiva (UE) 2024/1499.

L-indikaturi fil-parti 3, FEEDBACK MILL-KORPI TAL-UGWALJANZA DWAR IL-FUNZJONAMENT TAGĦHOM F'KONFORMITÀ MAL-ISTANDARDS, ikopru l-kontribut proprju tal-korpi tal-ugwaljanza dwar il-funzjonament indipendenti, ir-riżorsi u l-effettività tagħhom. Din id-data għandha tiġi pprovduta sad-19 ta' Ġunju 2031 u kull 5 snin wara dan, kif stabbilit fl-Artikolu 18 tad-Direttiva (UE) 2024/1499.

Sabiex jiġu żgurati l-komparabbiltà, l-oġġettività u l-affidabbiltà tad-data miġbura, l-indikaturi kollha li jirreferu għal perjodi mkejla fi snin għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għal snin kalendarji.

(2) Ambitu tad-data

Il-lista ta' indikaturi tkopri kwistjonijiet li jaqgħu taħt id-Direttiva (UE) 2024/1499. L-istess lista ta' indikaturi hija prevista fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1197 biex tkopri kwistjonijiet l i jaqgħu taħt id-Direttiva (UE) 2024/1500.

Meta l-korpi tal-ugwaljanza jkunu parti minn korpi b'diversi mandati u/jew ikunu responsabbli għal raġunijiet u oqsma mhux koperti mid-Direttivi (UE) 2024/1499 jew (UE) 2024/1500, l-indikaturi jirreferu biss għal data relatata mal-mandat tagħhom skont dawk id-Direttivi (jew approssimazzjoni tagħhom).

1. STRUTTURA NAZZJONALI U FUNZJONAMENT ORGANIZZAZZJONALI TAL-KORPI TAL-UGWALJANZA FL-ISTAT MEMBRU

"Struttura u mandat" (S)

1. (S1) Struttura u mandat tal-korpi maħtura biex jissodisfaw l-istandards tad-Direttiva (UE) 2024/1499 fl-Istat Membru

Dimensjoni/ambitu	Struttura, setgħat u mandat
Objettiv/raġuni	Rapportar dwar l-istruttura ġenerali tal-korpi tal-ugwaljanza fit-territorju tal-Istat Membru billi jiġu mmappjati l-korpi li jeżerċitaw is-setgħat stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2024/1499 u l-mandat ta' kull korp f'termini ta' kompetenzi, raġunijiet u oqsma (f'konformità mal-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2024/1499)
Sena tal-informazzjoni	Sitwazzjoni fiż-żmien tal-eżerċizzju ta' rapportar

S1A — *Niżżel il-korpi kollha tal-ugwaljanza f'pajjiżek li jeżerċitaw is-setgħat stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2024/1499.*

	Korpi tal-Ugwaljanza f'[PAJJIŻ]	Dan huwa korp b'diversi mandati?	Hemm bord ta' tmexxija?	Numru ta' uffiċċji lokali	Dan huwa korp reġjonali jew lokali awtonomu?
S1A_1	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	☐	☐	[NUMRU]	☐
S1A_2	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	☐	☐	[NUMRU]	☐
S1A_3	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	☐	☐	[NUMRU]	☐
Kjarifiki		— Korpi b'diversi mandati jirreferu għal korpi li jeżerċitaw mandat ta' ugwaljanza flimkien ma' mandati oħra (eż. ombudsperson jew istituzzjoni nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem).			

S1B — *Għal kull korp tal-ugwaljanza, indika l-kompetenzi/is-setgħat tiegħu.*

			1	2	3
			[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]
Prevenzjoni u Promozzjoni	S1B_1	Prevenzjoni tad-diskriminazzjoni u promozzjoni tat-trattament ugwali	☐	☐	☐
	S1B_2	Konsultazzjoni	☐	☐	☐
	S1B_3	Ir-rakkomandazzjonijiet	☐	☐	☐

			1	2	3
			[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]
Assistenza lill-vittmi	S1B_4	Kapaċità li jirċievu u li jittrattaw l-ilmenti	☐	☐	☐
	S1B_5	Soluzzjoni alternattiva għat-tilwim	☐	☐	☐
	S1B_6	Inkjesti	☐	☐	☐
	S1B_7	~~Ħ~~ruġ ta' opinjonijiet mhux vinkolanti	☐	☐	☐
	S1B_8	~~Ħ~~ruġ ta' deċiżjonijiet vinkolanti	☐	☐	☐
	S1B_9	Tilwim	☐	☐	☐
Kjarifiki	— Il-kompetenzi/is-setgħat imsemmija f'din it-tabella jikkorrispondu għall-kompetenzi/għas-setgħat koperti mill-Artikoli 5 sa 10 u mill-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2024/1499. *Meta korp tal-ugwaljanza jkollu kompetenza/setgħa biss fir-rigward ta' xi raġunijiet u oqsma skont il-mandat tiegħu, immarka l-kaxxa u indika l-istruttura speċifika taħt "S1_KUMMENTI".*				

S1C* — *Fejn applikabbli, elenka l-"korpi kompetenti l-oħra" kollha f'pajjiżek fdati bis-setgħat stipulati fid-Direttiva (UE) 2024/1499.*

Korpi kompetenti oħra		Kompetenzi			
		Soluzzjoni alternattiva għat-tilwim	Inkjesti	Oħrajn	*Jekk oħrajn, speċifika.*
S1C_1	[Isem il-Korp Kompetenti]	☐	☐	☐	[TEST]
S1C_2	[Isem il-Korp Kompetenti]	☐	☐	☐	[TEST]
Kjarifiki	— Korpi kompetenti oħra jirreferu għall-korpi kompetenti għajr il-korpi tal-ugwaljanza li għandhom jew setgħat ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim jew setgħat ta' inkjesta skont it-tifsira u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva (UE) 2024/1499.				

S1D — *Għal kull korp tal-ugwaljanza/kompetenti, speċifika r-raġunijiet u l-oqsma li jkopri, u jekk ikoprihomx kollha fir-rigward kemm tas-settur privat kif ukoll dak pubbliku.*

[Ugwaljanza/Isem il-Korp Kompetenti]	Dan il-korp tal-ugwaljanza jkopri kemm is-settur pubbliku kif ukoll dak privat għar-raġunijiet u l-oqsma kollha li għalihom huwa responsabbli? (jekk it-tweġiba tkun "le" għal mill-inqas xi raġunijiet jew oqsma, iridu jimtlew żewġ tabelli separati, waħda għas-settur pubbliku u waħda għas-settur privat)	Iva/Le

		Impjieg u xogħol	Edukazzjoni	Aċċess għall-oġġetti u s-servizzi disponibbli għall-pubbliku	Akkomodazzjoni	Protezzjoni soċjali
S1D_1	Sess	—	—	☐	☐	☐
S1D_2	Oriġini razzjali jew etnika	☐	☐	☐	☐	☐
S1D_3	Diżabbiltà	☐	—	—	—	–
S1D_4	Età	☐	—	—	—	–
S1D_5	Reliġjon jew twemmin	☐	—	—	—	–
S1D_6	Orjentazzjoni sesswali	☐	—	—	—	–
S1D_7	Raġunijiet u/jew oqsma oħra koperti*	☐				
S1D_8	*Speċifika**	[TEST]				
Kjarifiki		— Is-settur pubbliku jirreferi għal attivitajiet u entitajiet li huma parti mill-Istat, mill-gvern u/jew mill-amministrazzjoni pubblika jew affiljati magħhom. Is-settur privat jirreferi għal attivitajiet u entitajiet li ma humiex taħt il-kontroll tal-Istat. — Skont id-dritt tal-UE, mhux ir-raġunijiet kollha jridu jiġu koperti għall-oqsma kollha. It-tweġibiet għandhom ikopru biss ir-rekwiżiti skont id-dritt tal-UE. *Meta l-korp tal-ugwaljanza jkopri aktar raġunijiet u oqsma, b'mod partikolari meta dan ikun rilevanti minħabba li d-diżaggregazzjoni shiha tad-data hija ta' sfida, indika r-raġunijiet u l-oqsma addizzjonali koperti taħt S1D_8 u indika kif dan jista' jaffettwa l-ġbir ta' data taħt "S1_KUMMENTI".*				

S1E — Il-korpi elenkati hawn fuq ikopru b'mod kollettiv: il-kompetenzi u l-kompiti kollha, għar-raġunijiet u l-oqsma kollha koperti mid-Direttiva (UE) 2024/1499, kemm fir-rigward tas-settur pubbliku kif ukoll dak privat, fit-territorju kollu tal-Istat Membru?	Iva/Le
S1E_1* — *Jekk "Le", spjega.*	[TEST]

S1_KUMMENTI	*Ipprovdi kwalunkwe metadata rilevanti, iddeskrivi kwalunkwe sfida li qed tiffaċċja biex twieġeb il-mistoqsija jew ipprovdi spjegazzjonijiet jew informazzjoni addizzjonali, b'mod partikolari relatata mas-sitwazzjoni speċifika fl-Istat Membru.*	[TEST]

"Funzjonament indipendenti" (IF)

2. (IF1) Funzjonament indipendenti ta' kull korp tal-ugwaljanza f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2024/1499

Dimensjoni/ambitu	Funzjonament indipendenti

Objettiv/raġuni	Rapportar dwar l-indipendenza tal-korpi tal-ugwaljanza (f'konformità mal-Artikolu 3 u filwaqt li jitqiesu l-premessi 18 sa 20 tad-Direttiva (UE) 2024/1499)
Sena tal-informazzjoni	Sitwazzjoni fiż-żmien tal-eżerċizzju ta' rapportar

IF1A — Libertà minn influwenza esterna

Objettiv/raġuni	Rapportar dwar l-indipendenza tal-korpi tal-ugwaljanza (f'konformità mal-Artikolu 3(1) u l-premessa 18 tad-Direttiva (UE) 2024/1499)

Għal kull korp tal-ugwaljanza, iddeskrivi kif l-indipendenza tiegħu hija żgurata f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2024/1499.

			1	2	3
			[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]
Indipendenza fid-dispożizzjonijiet legali	IF1A_1*	L-indipendenza hija prevista fil-kostituzzjoni tal-Istat Membru.	☐	☐	☐
	IF1A_2*	L-indipendenza hija prevista fil-liġi nazzjonali.	☐	☐	☐
	IF1A_3*	L-indipendenza hija prevista f'test legali ieħor.	☐	☐	☐
	IF1A_4_TEXT*	Rabta jew referenza għall-bażi legali	[TEST]/[IPER-LINK]	[TEST]/[IPER-LINK]	[TEST]/[IPERLINK]
	IF1A_5	Il-korp tal-ugwaljanza huwa parti minn ministeru.	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le
	IF1A_6	Il-korp tal-ugwaljanza huwa parti minn entità oħra.	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le
	IF1A_7_TEXT	Minn liema ministeru jew entità jagħmel parti l-korp tal-ugwaljanza u kif tiġi żgurata legalment l-indipendenza tiegħu?	[TEST]	[TEST]	[TEST]

			1	2	3
			[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]
Responsabbiltà	IF1A_8	Hemm fis-seħħ mekkaniżmi (legali, operazzjonali, finanzjarji, oħrajn) ta' responsabbiltà?	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le
	IF1A_9	*Speċifika l-mekkaniżmi ta' responsabbiltà fis-seħħ, lil min huwa responsabbli l-korp tal-ugwaljanza jew it-tmexxija tiegħu, u x'inhuma l-konsegwenzi possibbli tal-mekkaniżmi ta' responsabbiltà.*	[TEST]	[TEST]	[TEST]
	IF1A_9A*	Ministeru	☐	☐	☐
	IF1A_9B*	Gvern	☐	☐	☐
	IF1A_9C*	Parlament	☐	☐	☐
	IF1A_9D*	Awtorità reġjonali/lokali	☐	☐	☐
	IF1A_9E*	Qorti tal-awdituri	☐	☐	☐
	IF1A_9F*	Oħrajn	[TEST]	[TEST]	[TEST]
Ġestjoni tar-riżorsi	IF1A_10	Il-korp tal-ugwaljanza jista' jimmaniġġja r-riżorsi finanzjarji tiegħu stess.	Iva/Parzjalment/Le	Iva/Parzjalment/Le	Iva/Parzjalment/Le
	IF1A_11	Il-korp tal-ugwaljanza għandu s-setgħa li jagħżel u jimmaniġġja l-persunal tiegħu stess.	Iva/Parzjalment/Le	Iva/Parzjalment/Le	Iva/Parzjalment/Le
IF1A_ KUMMENTI*	*Ipprovdi kwalunkwe metadata rilevanti, iddeskrivi kwalunkwe sfida li qed tiffaċċja biex twieġeb il-mistoqsija jew ipprovdi spjegazzjonijiet jew informazzjoni addizzjonali, b'mod partikolari relatata mas-sitwazzjoni speċifika fl-Istat Membru.*		[TEST]		
Kjarifiki	— It-"tmexxija" tal-korp tal-ugwaljanza tirreferi għall-membri tal-persunal li jkollhom pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew maniġerjali u, fejn applikabbli, għall-membri tal-bord ta' tmexxija. — "Persunal" tirreferi għal persuni impjegati mill-korp (jew potenzjalment mill-kumpanija omm tiegħu fil-każ ta' korp fi ħdan ministeru), irrispettivament mit-tip ta' kuntratt (temporanju jew permanenti). "Persunal tal-ġestjoni" tkopri, b'mod partikolari, l-istabbiliment ta' objettivi, l-allokazzjoni ta' kompiti, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-membri tal-persunal. Skont l-istruttura nazzjonali, il-korp tal-ugwaljanza jista' ma jkunx jista' jimmaniġġja s-sigħat totali tax-xogħol, l-età tal-irtirar, eċċ. — IF1A_6 ma tirreferix għal sitwazzjonijiet fejn il-korp tal-ugwaljanza jkun parti minn korp b'diversi mandati (*wieġeb "le" fejn il-korp tal-ugwaljanza jkun parti minn korp indipendenti b'diversi mandati*).			

IF1B — Għażla, ħatra, revoka u kunflitti ta' interess potenzjali fit-tmexxija

Objettiv/raġuni	L-immappjar tal-proċeduri fis-seħħ għall-għażla, il-ħatra u r-revoka, u kunflitti ta' interess potenzjali li jinvolvu, persunal li jkollu pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew maniġerjali u, fejn applikabbli, membri tal-bord ta' tmexxija, sabiex jiġu ggarantiti l-kompetenza u l-indipendenza tagħhom (f'konformità mal-Artikolu 3 u filwaqt li titqies il-premessa 18 tad-Direttiva (UE) 2024/1499)

Għal kull korp tal-ugwaljanza, indika kif l-indipendenza u l-kompetenza tal-membri tal-persunal li jkollhom pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew maniġerjali jew tal-membri tal-bord huma żgurati.

		1	2	3
		[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]
IF1B_1	Hemm fis-seħħ proċeduri trasparenti għall-għażla u l-ħatra ta' membri tal-persunal li jkollhom pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew maniġerjali.	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le
IF1B_2	Hemm fis-seħħ proċeduri trasparenti għall-għażla u l-ħatra ta' membri tal-bord.	Iva/Le/Mhux applikabbli	Iva/Le/Mhux applikabbli	Iva/Le/Mhux applikabbli
IF1B_3	Hemm fis-seħħ proċeduri trasparenti għar-revoka tal-membri tal-persunal li jkollhom pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew maniġerjali.	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le
IF1B_4	Hemm fis-seħħ proċeduri trasparenti għar-revoka tal-membri tal-bord.	Iva/Le/Mhux applikabbli	Iva/Le/Mhux applikabbli	Iva/Le/Mhux applikabbli
IF1B_5	Hemm fis-seħħ proċeduri trasparenti għal kunflitti ta' interess potenzjali li jinvolvu membri tal-persunal li jkollhom pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew maniġerjali.	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le
IF1B_6	Hemm fis-seħħ proċeduri trasparenti għal kunflitti ta' interess potenzjali li jinvolvu membri tal-bord.	Iva/Le/Mhux applikabbli	Iva/Le/Mhux applikabbli	Iva/Le/Mhux applikabbli
IF1B_7*	Kif jiġu żgurati l-indipendenza u l-kompetenza tal-membri tal-persunal li jkollhom pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew maniġerjali?	[TEST]	[TEST]	[TEST]
IF1B_7A*	Diploma rilevanti mitluba	☐	☐	☐
IF1B_7B*	Esperjenza professjonali rilevanti mitluba	☐	☐	☐

		1	2	3
		[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]
IF1B_7C*	Esperjenza rilevanti fil-ġestjoni mitluba	☐	☐	☐
IF1B_7D*	Taħriġ speċifiku mitlub	☐	☐	☐
IF1B_7E*	Taħriġ speċifiku pprovdut	☐	☐	☐
IF1B_7F*	Diversi atturi (il-gvern, il-parlament, is-soċjetà ċivili, eċċ.) involuti fil-proċedura tal-għażla	☐	☐	☐
IF1B_8*	Kif jiġu żgurati l-indipendenza u l-kompetenza tal-membri tal-bord? (jekk disponibbli)	[TEST]	[TEST]	[TEST]
IF1B_8A*	Diploma rilevanti mitluba	☐	☐	☐
IF1B_8B*	Esperjenza professjonali rilevanti mitluba	☐	☐	☐
IF1B_8C*	Esperjenza rilevanti fil-ġestjoni mitluba	☐	☐	☐
IF1B_8D*	Taħriġ speċifiku mitlub	☐	☐	☐
IF1B_8E*	Taħriġ speċifiku pprovdut	☐	☐	☐
IF1B_8F*	Diversi atturi (il-gvern, il-parlament, is-soċjetà ċivili, eċċ.) involuti fil-proċedura tal-għażla	☐	☐	☐
IF1B_ KUMMENTI*	*Ipprovdi kwalunkwe metadata rilevanti, iddeskrivi kwalunkwe sfida li qed tiffaċċja biex twieġeb il-mistoqsija jew ipprovdi spjegazzjonijiet jew informazzjoni addizzjonali, b'mod partikolari relatata mas-sitwazzjoni speċifika fl-Istat Membru.*		[TEST]	
Kjarifiki	— Il-membri tal-persunal li jkollhom pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew maniġerjali huma msemmija fil-premessa 18 tad-Direttiva (UE) 2024/1499 bħala, pereżempju, il-kap jew il-viċi kap tal-korp tal-ugwaljanza. F'korp b'diversi mandati, dawn jistgħu jkunu l-persuna/i responsabbli mill-mandat tal-ugwaljanza. — Xi korpi tal-ugwaljanza jaħtru bord ta' tmexxija. Dan huwa grupp ta' persuni responsabbli għas-sorveljanza tal-operat tal-korp tal-ugwaljanza u għat-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi ewlenin. — Sabiex ikunu trasparenti, il-proċeduri jridu jiġu stabbiliti bil-miktub u kkomunikati pubblikament qabel il-proċess ta' reklutaġġ. — Il-kunflitt ta' interess jirreferi għal sitwazzjoni fejn persuna tkun involuta f'diversi interessi — finanzjarji, personali jew professjonali — li potenzjalment jistgħu jinterferixxu mal-indipendenza jew mal-kapaċità tagħha li tieħu deċiżjonijiet imparzjali.			

IF1C — Eżerċizzju effettiv tal-mandat tal-ugwaljanza f'korp b'diversi mandati				
Objettiv/raġuni	Immappjar tal-mekkaniżmi fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-mandat tal-ugwaljanza jiġi eżerċitat b'mod effettiv fi ħdan korp b'diversi mandati (f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2024/1499)			
Għal kull korp tal-ugwaljanza li huwa parti minn korp b'diversi mandati, iddeskrivi kif l-istruttura interna tal-korp tiggarantixxi l-eżerċizzju effettiv tal-mandat tal-ugwaljanza.				
		1	2	3
		[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]
IF1C_1*	Persunal iddedikat għall-mandat tal-ugwaljanza	☐	☐	☐
IF1C_2*	Timijiet/dipartimenti ddedikati għall-mandat tal-ugwaljanza	☐	☐	☐
IF1C_3*	Tmexxija ddedikata għall-mandat tal-ugwaljanza	☐	☐	☐
IF1C_4*	Proċeduri jew regoli speċifiċi biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tal-mandat tal-ugwaljanza	☐	☐	☐
IF1C_5*	*Iddeskrivi kif jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tal-mandat tal-ugwaljanza fi ħdan korp b'diversi mandati*	[TEST]	[TEST]	[TEST]
IF1C_ KUMMENTI*	*Ipprovdi kwalunkwe metadata rilevanti, iddeskrivi kwalunkwe sfida li qed tiffaċċja biex twieġeb il-mistoqsija jew ipprovdi spjegazzjonijiet jew informazzjoni addizzjonali, b'mod partikolari relatata mas-sitwazzjoni speċifika fl-Istat Membru.*		[TEST]	
Kjarifiki	— L-eżerċizzju effettiv tal-mandat tal-ugwaljanza f'korp b'diversi mandati huwa mifhum bħala l-kapaċità tal-korp li jwettaq b'mod effettiv il-kompiti kollha tiegħu u jeżerċita l-kompetenzi kollha tiegħu relatati mal-mandat tal-ugwaljanza, kif deskritt fid-Direttiva (UE) 2024/1499.			

3. (R1) Mekkaniżmi li jiżguraw l-adegwatezza u l-istabbiltà tar-riżorsi ta' kull korp tal-ugwaljanza u għall-aġġustament tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2024/1499

Dimensjoni/ambitu	Riżorsi
Objettiv/raġuni	Immappjar tal-mekkaniżmi għall-iżgurar tal-adegwatezza u l-istabbiltà tar-riżorsi ta' kull korp tal-ugwaljanza u għall-aġġustament tagħhom (f'konformità mal-Artikolu 4 u filwaqt li jitqiesu l-premessi 21 u 22 tad-Direttiva (UE) 2024/1499)
Sena tal-informazzjoni	Sitwazzjoni fiż-żmien tal-eżerċizzju ta' rapportar
Għal kull korp tal-ugwaljanza, iddeskrivi kif huma żgurati l-adegwatezza u l-istabbiltà tar-riżorsi ta' kull korp tal-ugwaljanza, u kif dawn jiġu aġġustati (f'konformità mal-Artikolu 4 u filwaqt li jitqiesu l-premessi 21 u 22 tad-Direttiva (UE) 2024/1499).	

		1	2	3
		[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]
R1_1*	Il-korp tal-ugwaljanza jiġi kkonsultat dwar ir-riżorsi allokati lilu qabel jew matul il-proċedura baġitarja.	☐	☐	☐
R1_2*	Valutazzjoni annwali bbażata fuq il-ħtiġijiet	☐	☐	☐
R1_3*	Allokazzjoni tal-baġit skont il-liġi	☐	☐	☐
R1_4*	Regoli għall-proċess ta' negozjar mill-ġdid fil-liġi	☐	☐	☐
R1_5*	Ippjanar baġitarju pluriennali	☐	☐	☐
R1_6*	Indiċjar annwali	☐	☐	☐
R1_7*	Aġġustament fil-każ ta' kompiti/kompetenzi ġodda	☐	☐	☐
R1_8*	Riżerva diskrezzjonali biex jiġu koperti ħtiġijiet eċċezzjonali	☐	☐	☐
R1_9	*Iddeskrivi kif jiġu żgurati l-adegwatezza u l-istabbiltà tar-riżorsi ta' kull korp tal-ugwaljanza, u kif dawn jiġu aġġustati, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1499 fl-Istat Membru tiegħek.*	[TEST]	[TEST]	[TEST]
R1_KUMMENTI*	*Ipprovdi kwalunkwe metadata rilevanti, iddeskrivi kwalunkwe sfida li qed tiffaċċja biex twieġeb il-mistoqsija jew ipprovdi spjegazzjonijiet jew informazzjoni addizzjonali, b'mod partikolari relatata mas-sitwazzjoni speċifika fl-Istat Membru.*	[TEST]		
Kjarifiki	— Hawnhekk ir-riżorsi huma mifhuma bħala riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi. Ir-riżorsi finanzjarji jirreferu għall-flus allokati fil-baġit, normalment maqsuma f'intestaturi tal-baġit. Ir-riżorsi tekniċi jinkludu t-tagħmir, il-bini u l-utilitajiet. Ir-riżorsi umani jirreferu għall-persunal allokat lill-korp tal-ugwaljanza. — L-eżempji elenkati huma derivati minn prattiki żviluppati f'xi Stati Membri (regoli legali jew prattiki stabbiliti). Agħżel kwalunkwe waħda li hija applikabbli fl-Istat Membru tiegħek u/jew agħti kwalunkwe spjegazzjoni meħtieġa fil-kaxxa tat-test.			

4. (P1) Setgħat ta' kull korp tal-ugwaljanza/kompetenti f'konformità mal-Artikoli 6, 7, 8, 9, 10 u 15 tad-Direttiva (UE) 2024/1499

Dimensjoni/ambitu	Setgħat
Objettiv/raġuni	Immappjar tas-setgħat ta' kull korp tal-ugwaljanza/kompetenti li jittratta l-ilmenti dwar id-diskriminazzjoni (f'konformità mal-Artikoli 6, 7, 8, 9, 10 u 15 tad-Direttiva (UE) 2024/1499)
Sena tal-informazzjoni	Sitwazzjoni fiż-żmien tal-eżerċizzju ta' rapportar

P1A — Assistenza lill-vittmi/trattament tal-ilmenti

Objettiv/raġuni	Deskrizzjoni tal-proċedura fis-seħħ biex jiġu ttrattati l-ilmenti f'kull korp tal-ugwaljanza f'konformità mal-passi stabbiliti fl-Artikolu 6(2), (3) u (4) tad-Direttiva (UE) 2024/1499, dwar l-assistenza lill-vittmi

Għal kull korp tal-ugwaljanza, indika jekk it-trattament tal-ilmenti jinkludix il-passi li ġejjin:

		1	2	3
		[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]	[Isem il-Korp tal-Ugwaljanza]
P1A_1	Wasla tal-ilment	☐	☐	☐
P1A_2	Informazzjoni lill-vittmi dwar il-qafas legali, inkluż pariri mmirati lejn is-sitwazzjoni speċifika tagħhom	☐	☐	☐
P1A_3	Informazzjoni lill-vittmi dwar is-servizzi offruti mill-korp tal-ugwaljanza u aspetti proċedurali relatati	☐	☐	☐
P1A_4	Informazzjoni lill-vittmi dwar ir-rimedji disponibbli, inkluża l-possibbiltà li l-każ jiġi segwit quddiem il-qrati	☐	☐	☐
P1A_5	Informazzjoni lill-vittmi dwar ir-regoli ta' kunfidenzjalità applikabbli u l-protezzjoni tad-data personali	☐	☐	☐
P1A_6	Informazzjoni lill-vittmi dwar il-possibbiltà li jingħataw appoġġ psikoloġiku jew tipi oħra ta' appoġġ rilevanti minn korpi jew organizzazzjonijiet oħra, fejn rilevanti	☐	☐	☐
P1A_7	Informazzjoni lill-ilmentaturi dwar jekk l-ilment ikunx se jingħalaq jew jekk hemmx raġunijiet biex dan jiġi segwit aktar	☐	☐	☐
P1A_KUMMENTI*	*Ipprovdi kwalunkwe metadata rilevanti, iddeskrivi kwalunkwe sfida li qed tiffaċċja biex twieġeb il-mistoqsija jew ipprovdi spjegazzjonijiet jew informazzjoni addizzjonali, b'mod partikolari relatata mas-sitwazzjoni speċifika fl-Istat Membru.*	[TEST]		
Kjarifiki	— "Ilment" jirreferi għal kwalunkwe preżentazzjoni li jkun fiha allegazzjoni ta' diskriminazzjoni.			

P1B — Soluzzjoni alternattiva għat-tilwim

Objettiv/raġuni	Immappjar tat-tip ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim ipprovduta minn kull korp tal-ugwaljanza/kompetenti (f'konformità mal-Artikolu 7 u filwaqt li titqies il-premessa 26 tad-Direttiva (UE) 2024/1499)

P1B_1 — *Għal kull korp tal-ugwaljanza/kompetenti li jwettaq soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, speċifika x'tip ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim hija pprovduta. Fejn korp kompetenti ieħor ikollu dawn is-setgħat, iddeskrivi kif jiġi żgurat li l-persuna jew il-persuni responsabbli mill-proċess ta' riżoluzzjoni jkunu indipendenti, imparzjali u jkollhom l-għarfien espert meħtieġ (inkluż fi kwistjonijiet mhux relatati mad-diskriminazzjoni).*

	[TEST]	
P1B_KUMMENTI*	*Ipprovdi kwalunkwe metadata rilevanti, iddeskrivi kwalunkwe sfida li qed tiffaċċja biex twieġeb il-mistoqsija jew ipprovdi spjegazzjonijiet jew informazzjoni addizzjonali, b'mod partikolari relatata mas-sitwazzjoni speċifika fl-Istat Membru.*	[TEST]
Kjarifiki	— Il-premessa 26 tad-Direttiva (UE) 2024/1499 tirreferi għal soluzzjoni b'mod rapidu tat-tilwim, affordabbli u barra mill-qorti. Eżempji ta' tali mekkaniżmi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim jinkludu l-konċiljazzjoni u medjazzjoni iżda ma humiex limitati għalihom.	

P1C — Aċċess għall-informazzjoni permezz ta' inkjesti

Objettiv/raġuni	Deskrizzjoni tal-qafas biex kull korp tal-ugwaljanza u/jew korp kompetenti ieħor ikun jista' jaċċessa l-informazzjoni u d-dokumenti meħtieġa biex jiġi stabbilit jekk tkunx seħħet diskriminazzjoni (f'konformità mal-Artikolu 8 u filwaqt li titqies il-premessa 28 tad-Direttiva (UE) 2024/1499)

